**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Joseph Mifsud B.A. (Legal & Int. Rel.), B.A. (Hons), M.A. (European), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs.**

**Natal Fava**

Numru: 74/2011

Illum 4 ta' Ottubru 2016

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Natal Fava,** ta' tnejn u hamsin (52) sena, iben Anthony u Mary nee' Debrincat, imwieled Sannat, Ghawdex, Malta, nhar il-15 ta' Mejju 1959, residenti fil-fond Marton, Triq ix-Xabbata, Sannat, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 29959(G), akkuzat talli fil-lejl ta' bejn il-11 u t-12 ta' Settembru 2010 gewwa l-Wied tax-Xlendi fil-limiti tal-Munxar, Ghawdex u gewwa postijiet ohra f'dawn il-Gzejjer, f'hinijiet differenti;

1. Ghamel hsara volontarja fil-vettura tat-tip Suzuki Alto numru tar-registrazzjoni NNF006 registrata f'isem Nadia Said li ghandha l-karta tal-identita' numru 6477G u kkaguna hsara fl-istess vettura li tiswa iktar minn elf, mija u erbgha u sittin ewro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69).

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*a fol.* 298) datata 28 ta' Dicembru 2011 li permezz taghha baghat lill-imputat Natal Fava biex jigi ggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

(1) fl-Artikolu 325(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(2) fl-Artikoli 23 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi, waqt l-udjenza tat-22 ta' Frar 2012 (*a fol.* 304), gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fit-28 ta' Dicembru 2011, u f'liema seduta l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet datat 30 ta' Gunju 2015 moghti mis-Sinjurija Tieghu l-Prim'Imhallef.

Rat illi fis-seduta tad-9 ta' Marzu 2016 il-Qorti tat cans lill-Prosekuzzjoni, parte civile u d-difiza sabiex jipprezentaw is-sottomissjonijiet taghhom bil-miktub.

Rat illi l-Prosekuzzjoni u l-parte civile pprezentaw is-sottomissjoni taghhom bil-miktub fit-28 ta' Gunju 2016;

Rat illi d-difiza baqghet ma pprezentatx is-sottomissjoni taghha bil-miktub, minkejja li nghatat il-fakulta' taghmel hekk;

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

**Il-fatti specie tal-kaz**

Mill-provi li tressqu f'dan il-process jirrizulta li l-*parte civile* Nadia Said hija l-proprjetarja ta' karozza tal-ghamla Suzuki Alto bin-numru ta' registrazzjoni NNF-006.

Fil-lejl tal-11 ta' Settembru 2010 l-*parte civile* marret gewwa l-istabbiliment ta' divertiment bl-isem "Grotta" li jinsab ix-Xlendi, limiti tal-Munxar, fejn hemm kienet lemhet lill-imputat ghaddej bil-vettura tieghu.

Hija kienet nizlet ix-Xlendi bil-vettura taghha personali u pparkjat il-vettura f'post kemm xejn imwarrab.

Meta saru t-tlieta ta' filgħodu (3a.m.) il-*parte civile* harget mill-istabbiliment flimkien ma' Michelle Said (ohtha), Richard Grech, Gordon Gatt u Ylenia Peresso.

Il-karozza li biha nizlu dawn l-erbgha persuni kienet ipparkjata aktar i'l fuq u għalhekk waqt li Michelle, Richard u Ylenia hadu xi haga tal-ikel mill-stand tal-*hot dogs* li jarma fl-inhawi, il-*parte civile* flimkien ma' Gordon Gatt marru ghall-vettura taghha sabiex imbaghad hi twassalhom fejn il-vettura taghhom peress li kienu pparkjaw hafna aktar 'il fuq.

Marru ghall-karozza u gabru lil sħabhom l-oħra u Nadia Said saqet sal-vettura li biha kienu nizlu l-Grotta l-hbieb taghha. Meta niżlu dawn l-erbgha persuni, il-*parte civile* talbithom sabiex isuqu warajja ghaliex kienet qed tibza' wehidha. Huma saqu wara xulxin b'Nadia Said fuq quddiem u meta giet biex tikser ghal gol-Wied tal-Munxar hasset xi ħaga stramba fl-*isteering* u waqfet għall-genb u nizlet ticcekja l-vettura taghha.

Il-vettura li kien hemm warajha fejn kien hemm il-hbieb l-ohra taghha waqfu wkoll fejn irrizulta li t-*tyre* tal-vettura ta' Nadia kien mifqugh.

Bdew innizlu l-ghodda sabiex ibiddlu t-tyre u dak il-hin għaddew fejnhom George Grech u Miriam Grech li nfurmawha li kien hemm vettura tal-għamla BMW bin-numru ta' reġistrazzjoni FBM-476 li tappartjeni li Natal Fava fil-viċinanzi.

Kien dak il-mument li bil-biza' l-*parte civile* iddecidiet li terhi l-vettura hemm u ssakkarha u ddecidiet li tmur taghmel rapport l-ghassa.

Wara li ghamlet ir-rapport hija marret gewwa r-residenza taghha fejn stiednet li Antoinette Portelli u Joel Portelli li huma girien tagħha sabiex jiehdu kafe maghha u dan anke peress li kienet bezghana hafna.

F'dak il-mument li kienu fil-gallarija jpejpu sigarett lemhu lill-imputat. Ftit mumenti wara l-Pulizija cemplu lil *parte civile* fejn infurmawha li l-vettura taghha kienet hadet in-nar.

Il-vettura nharqet fil-post li kienet hallietha l-*parte civile* u bil-konsegwenza ġiet "*total loss*".

Irrizulta li l-*parte civile* u l-imputat kellhom relazzjoni ta' madwar hdax (11)–il sena minn liema relazzjoni kellhom tifel.

Madwar hmistax (15)–il jum qabel ma sehh l-incident ir-relazzjoni taghhom kienet spiccat. Jidher li l-imputat baqa' ma accettax dan.

**<u>Xhieda</u>**

F'dan il-kaz xehdu dsatax (19)-il xhud.

***Fil-5 ta' Ottubru 2011***

*PS581 Loreto Buttigieg (a* fol. *13 et seq.), Saviour Farrugia (a* fol. *19 et seq.), Nadia Said (a* fol. *21 et seq.).*

***Fid-29 ta' Novembru 2011***

*L-Ispettur Frank Anthony Tabone (a* fol. *288 et seq.), PC759 Emanuel Zammit (a* fol. *292 et seq.), PC1346 Anton Schembri (a fol. 294), PC415 Angelo Portelli (a* fol. *295), PC1117 Mario Camilleri (a* fol. *296).*

***Fl-10 ta' Jannar 2012***

*PC1403 Anthony Spiteri (a* fol. *300 et seq.), PC774 Anthony Calleja (a* fol. *302), PC534 Joseph Cini (a* fol. *303).*

***Fit-22 ta' Frar 2012***

*George Scicluna (a* fol. *305 et seq.).*

***Fis-16 ta' Mejju 2012***

*David Saydon (a* fol. *308 et seq.).*

***Fit-30 ta' Ottubru 2012***

*Ex-PC759 Emanuel Zammit (a* fol. *321 et seq.).*

***Fil-25 ta' Gunju 2013***

*George Scicluna (a* fol. *328 et seq.), l-imputat Natal Fava (a* fol. *331 et seq.).*

***Fit-2 ta' Lulju 2014***

*Michael Galea (a* fol. *353 et seq.).*

***<u>Fl-20 ta' Mejju 2015</u>***

*Michael Galea (a* fol. *359 et seq.)*

**KUNSIDERAZZJONIJIET LEGALI**

Il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet ta' dak li effettivament gara u cioe' l-verzjoni tal-Prosekuzzjoni li tallega li kien l-imputat li kkommetta r-reat moghti fil-konfront tieghu u l-verzjoni tal-imputat li jichad b'mod assolut dak li gie allegat fil-konfront tieghu.

Illi ghalhekk m'hemmx dubju li kollox jiddependi fuq il-kredibilita` tax-xhieda u dan billi bhala gudikant il-Qorti sejra taghti qies l-imgieba, il-kondotta u l-karattru tax-xhieda, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandhiex mis-sewwa jew hix kostanti u ta' fatturi ohra tax-xhieda tieghu u jekk ix-xhieda hix imsahha minn xhieda ohra u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u dan ai termini tal-Artikolu 637 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Din il-Qorti ghalkemm mhix f'posizzjoni vantaggjuza hdejn Qrati ohra meta tigi biex taghmel apprezzament tax-xhieda u dan ghaliex hija ma ghexietx il-process tul medda ta' zmien u ghalhekk hija mhix f'posizzjoni, li tanalizza l-komportament tax-xhieda kollha li xehdu viva voce, tezamina l-imgieba u l-komportament taghhom,

stante li ma kinitx hi stess li kkonstatat x'interess seta' kellu xi xhud f'data li xehed u jekk dak li qal kellux mis-sewwa jew le.

Huwa minnu li jekk il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet konfliggenti, ghandha tillibera, stante li tali konflitt ghandu jmur a beneficcju tal-imputat, pero' huwa veru wkoll kif gie deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-dsatax ta' Mejju, 1997 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker:**

> *"It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one".*

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputat huma veri u dan ghaliex kif jghid il-**Manzini** fil-ktieb tieghu **Diritto Penale Vol III Kap IV pagna 234, Edizione 1890**:-

> *"Il cosi` detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Kif gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **il-Pulizija vs Jason Lee Borg u Alan Camilleri** mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hmistax ta' Gunju, 1998:

"*Provi jew indizzji cirkostanzjali ghandhom ikunu univoci, cioe' mhux ambigwi. Ghandhom ikunu indizzji evidenti li jorbtu lill-akkuzat mar-reat u li jwasslu, mehuda lkoll flimkien, ghal konkluzzjoni li kien l-akkuzat u hadd aktar, anzi l-akkuzat biss, li kien il-hati u li l-provi li tressqu kienu nkompatibbli mal-presunzjoni tal-innocenza tieghu.* "

Fil-fatt skond sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-sitta ta' Mejju, 1961 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Carmelo Busuttil** gie ritenut li:

"*l-prova indizzjarja ta' spiss hija l-ahjar prova talvolta hija tant li tipprova fatt bi precizjoni matematika.*"

L-Archibold fil-**Magistrates' Courts Criminal Practice 2017**[1] jghallem li:

Circumstantial evidence has been defined as *"… evidence of surrounding circumstances which, by undesigned coincidence, is capable of proving a proposition with the accuracy of mathematics"*; Lord Hewart C.J. in *Taylor, Weaver and Donovan*, 21 Cr.App.R. 20, CCA at 21.

Lord Normand in *Teper v. R.* [1952] A.C. 480, PC at 489, stated in relation to circumstantial evidence that:

*"It must always be narrowly examined, if only because evidence of this kind may be fabricated to cast suspicion on*

[1] Pg. 596: 10-4

*another … It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there are no other co-existing circumstances which would weaken or destroy the inference."*

On the other hand it has been said that circumstantial evidence is often the best evidence. It is no derogation of evidence to say that it is circumstantial: *Taylor, Weaver and Donovan*.

Kif gie ritenut mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fis-sentenza moghtija fis-17 ta' Gunju 1998 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs David Gatt:**

"*Provi cirkostanzjali huma bhal katina li tintrabat minn tarf ghal tarf b'sensiela ta' ghoqiedi li jorbtu ma' xulxin u li flimkien jwasslu fl-istess direzzjoni.*"

Illi fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (sede superjuri) fil-kawza fl-ismijiet ir-**Repubblika ta' Malta v Angel sive Angelo Bajada** tal-15 ta' Mejju 2009 intqal illi:

*'L-assjem tal-provi kien tali li a bazi tieghu l-gurati setghu ragonevolment u b'konvinciment morali trankwill ghall-aħħar jaslu għall-konkluzjoni la ma jemmnux dak li qed isostni l-appellant u jsibu li l-provi jwasslu inekwivokabbilment ghall-ħtija tiegħu. L-indizji, biex jagħmlu prova, jeħtieg li jkunu univoci'.*

Huwa mperattiv li meta' kaz jiddependi purament fuq prova cirkostanzjali li tali prova cirkostanzjali tkun univoka u mhux

ekwivoka jew ambigwa. Trid tkun prova evidenzjali li torbot lill-akkuzat u lil hadd aktar hliefu u li l-provi kollha li tresqu fil-konfront tieghu huma nkompatibbli mal-principju tal-innocenza tieghu.

Illi inoltre sabiex l-imputat jista' jinstab hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu l-istess imputazzjonijiet iridu jigu pruvati oltre kull dubju dettat mir-raguni. F'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza moghtija mill-**Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Dicembru, 1997** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Peter Ebejer**, fejn il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni.
Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz ***Miller v Minister of Pension*** - 1974 - ALL Er 372 tal-espressjoni 'proof beyond a reasonable doubt.'

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the*

*least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing short of that will suffice."*

**ARTIKOLU 325 TAL-KAPITOLU 9 TAL-LIĠIJIET TA' MALTA: ĦSARA VOLONTARJA**

Illi l-imputat jinsab akkuzat li ghamel hsara volontarja fuq il-vettura tal-ex siehba tieghu u ċjoe' tal-*parte civile* Nadia Said. Artikolu 325(1) jgħid hekk:

*325. (1) Kull min, b'mezzi xort'oħra minn dawk imsemmijin fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu, volontarjament iħassar, jagħmel ħsara jew igħarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, jeħel, meta jinsab ħati –*
*(a) jekk l-ammont tal-ħsara ikun iżjed minn elfejn u ħames mitt euro (2,500), il-piena ta' priġunerija minn tmintax-il xahar sa erba snin;*

**Ix-xiehda tal-esperti**

Illi l-funzjoni f'inkjesta tal-Magistrat Inkwirenti hija stabilita li, fil-kors ta' l-inkjesti, il-Magistrat Inkwirenti ma jagixxix bhala Qorti Istruttorja imma bhala Magistrat *ut sic*, jigifieri jezercita poter (u dover) personali naxxenti mill-hatra tieghu bhala Magistrat u mhux bhala l-persuna li jippresjedi l-Qorti.

Illi f'certi partijiet tal-Kodici Kriminali, bhal per ezempju fl-artikolu 549(4), hemm cara d-distinzjoni bejn il-Magistrat Inkwirenti u l-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja.

Fil-kawza fl-ismijiet Ir-**Repubblika ta' Malta vs. Jason Calleja** moghtija fit-3 ta' Lulju 1997 il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

*"In linea generali, il-Magistrat Inkwirenti hu fdat lilu l-inkarigu li fil-kazijiet previsti mill-istess Titolu, jinvestiga ir-reat jew il-fatt rapportat lilu u/jew izomm l-access li l-ligi tipprevedi u fl-ahharnett jirredigi procès verbal li l-ligi stess tirregola u tattribwilu valur probatorju. Dan kollu jifforma parti integrali mill-process generali tar-ricerka tal-verita' u jikkonsisti principalment fil-gbir u preservazzjoni ta' dawk il-provi kollha, diretti u indiretti, li l-Magistrat Inkwirenti jirnexxilu jiddentifika bhala pertinenti ghal-grajja jew reat li jkun qed jinvestiga. Bhala tali, u kuntrarjament ghal dak li jigri f'certi sistemi kontinentali, l-Magistrat Inkwirenti mhux parti mill-pulizija u wisq inqas, mill-prosekuzzjoni; anzi jidher car li fis-sistema taghna huwa previst biex f'numru ta' kazijiet serji li l-ligi stess tispecifika, l-investigazzjoni ma ssirx biss, u l-provi ma jingabrux u ma jigux preservati biss mill-Pulizija, izda ukoll, anzi essenzjalment, minn persuni indipendenti mill-poter esekuttiv tal-Istat u li jiggarantixxu li r-ricerka tal-verita' ma tkunx inkwinata minn xi interessi hlief dak suprem li kollox isir skond il- haqq u l-gustizzja. Rwol dan, li Lord Tucker, fl-appell quddiem il-Privy Council in* ***re Regina vs George Terreni,*** *obiter, iddeskriva bhala "a good way of preserving evidence".*

Is-sentenza tipprovdi ukoll li:-

*".. certi decizjonijiet il-Magistrat Inkwirenti bilfors johodhom, anzi, jista' jigi affermat li minghajr l-ezercizzju ta' din il-funzjoni, l-ufficcju tieghu, f'diversi kazijiet jisfa' bla sens. Hekk, per ezempju, f'kazijiet ta' mewt rapportati lilu, huwa ghandu jindaga c-cirkostanzi li wasslu ghal dik il-mewt u jistabbilixxi hiex aktarx jew certament wahda accidentali u indipendenti minn kull htija doluza jew kolpuza ta' terzi jew inkella hiex proprju ir-rizultat ta' tali komportament ta' terzi. L-istess jinghad ghal kazijiet fejn jigu rapportati lilu eventi li prima facie ikunu jipprezentaw sembjanzi ta' reat.*

*Hi certament il-funzjoni tal-Magistrat Inkwirenti li jinvestiga, okkorrendo permezz ta' esperti, c-cirkostanzi kollha tal-kaz u jipprova jasal ghal konkluzjoni dwar jekk verament sarx reat u jekk hemmx provi tali li jippuntaw lejn xi hadd partikolari li jista' jigi investigat ulterjorment jew addirittura akkuzat. Certament m'hix il-funzjoni tal-Magistrat Inkwirenti li jiddeciedi li ghar-reat investigat minnu huwa certament jew probabbilment responsabbli xi hadd partikolari, ghax kif inghad huwa ma jagixxix qua Qorti, la ta' Istruttorja w inqas ta' Gudikatura.*

*Izda hija certament il-funzjoni tieghu li jiddeciedi l-ewwel hemmx provi sufficjenti li verament sar reat u t-tieni jekk a bazi tal-provi - indipendentement mill-apprezzament taghhom - hemmx bizzejjed biex jinghad li xi hadd partikolari jista' possibilment ikun passibbli ghal proceduri kriminali. Dan mhux biss jikkostitwixxi funzjoni tal-Magistrat Inkwirenti, izda, fil-fehma ta' din il-Qorti huwa addirittura dover tieghu."*

Illi dan kollu jfisser li jekk tigi rapportata mewt ta' persuna lill-Magistrat Inkwirenti, huwa d-dover tieghu li jigbor u jippreserva l-provi kollha possibbli u mhux biss jistabbilixxi li verament saret mewt, izda kif dik il-mewt giet jew setghet giet kawzata, kif ukoll jekk hemmx provi bizzejjed biex xi hadd jista' jigi akkuzat b'dik il-mewt jew almenu jekk il-pulizija ghandhiex tkompli bl-investigazzjonijiet taghha in generali jew f'linja partikolari. Dan, evidentement jinvolvi ezercizzju ta' diskrezzjoni mill-Magistrat Inkwirenti li ghalkemm huwa limitat, dejjem irid isir u li necessarjament jinkludi sa certu livell apprezzament ta' provi.

Illi dan kollu jrid isir fil-parametri ta' dak li hu lecitu, tenut kont tal-figura u funzjoni tal-Magistrat Inkwirenti u tal-importanza tar-rizultat tax-xoghol tieghu fil-process penali. Ma jistax, per ezempju, il-Magistrat Inkwirenti fil-kors normali tal-affarijiet, jiddeciedi li

jikkontraponi xhieda ma' ohra u jistabbilixxi liema wahda mit-tnejn jew aktar timmerita li tigi emmnuta. Jista' invece jekk prova hija impossibbli li tkun vera, jissenjala dan, specjalment jekk dan jista' jkun ta' relevanza. In massima generali, pero', dak li huwa importanti huwa li bhala Magistrat li jippresjedi fil-Qorti ta' Istruttorja, il-Magistrat Inkwirenti ma jusurpax il-funzjonijiet ta' gudizzju u valutazzjoni ta' provi li fil-process penali l-ligi tirriserva ghal haddiehor. Hu importanti li l-Magistrat Inkwirenti izomm ma dan il-parametru ghaliex il-ligi taghti importanza kbira lill-investigazzjoni li jkun ghamel u l-*proces verbal* li jkun irrediga hu wkoll hu moghti valur probatorju fil-process penali.

Illi parametru iehor johrog minn dak li tghid il-ligi u anki l-ftit gurisprudenza in materja. Kif inghad diga, fit-termini tal-artikolu 550 (1) tal-Kodici Kriminali l-*proces verbal* maghmul regolarment, jista' mhux biss jinghata bhala prova fis-smigh tal-kawza, izda dan jista' jsir *"minghajr ma jkun mehtieg li jinstemghu x-xhieda, il-periti jew persuni ohra li jkunu dehru fl-access"*.

Mill-investigazzjoni li wettqet il-Pulizija msahha bl-opinjoni tal-espert tan-nar, David Borg Saydon u l-espert tal-vetturi Philip Zammit in-nar li hakem il-vettura Suzuki Alto kien wiehed doluz.

Il-Qorti qieset iz-zewġ rapporti li saru mill-espert tan-nar, David Borg Saydon u l-espert tal-vetturi Philip Zammit.

L-espert **Philip Zammit**[2] qal:

*"L-esponenti eżamina l-locks kollha tal-bibien u ta' l-ignition switch tagħha, liema locks kienu kollha maħruq u mdewba. Spezzjona wkoll ix-xfarijiet kollha tal-bibien tagħha. Minn dan l-eżami rriżulta li ma kien hemm l-ebda sinjali jew marki ta' sgass, la fuq ix-xfar tal-bibien u anqas fuq il-fdal tal-locks ta' l-istess bibien."*

[2] *a fol.* 75

L-espert **<u>David Borg Saydon</u>** spjega:

*"illi t-tyre ta' quddiem, ġenb tax-xellug kien mifqugħ u ftit maħruq. It-tliet roti l-oħra kienu għadhom tale quali u sewwa"* u ikkonkluda li n-nar tqabbad minn gewwa l-vettura, ghaliex ma kien hemm l-ebda sinjal ta' hruq taht il-vettura. L-istess espert eskluda li n-nar beda fil-parti fejn hemm il-magna *"Il-ħsara f'din il-parti tal-vettura ma kinitx waħda estensiva u kif juru r-ritratti li ġejjin il-parts kienu kollha hemm. Il-ħsara li l-engine bay ġarrbet hi minħabba li n-nirien nifdu minn ġol passenger compartment, eżattament minn ġol-parti ta' quddiem, li tissejjaħ bulkhead."*[3]

It-twieqi ta' quddiem tal-vettura li jahdmu bl-elettriku kienu mnizzlin u bieba tal-karozza infethet minghajr sgass.

L-espert David Borg Saydon qal:

*"Il-ħġieġ tat-twieqi ta' quddiem kienu t-tnejn imniżżlin, għaliex dawn instabu imdewbin ġol-istess bieba, kif ukoll bil-'winder' tat-tieqa imniżżla. F'dan l-istadju irrid ngħid ukoll li t-twieqi ta' quddiem jaħdmu bl-elettriku u mhux 'manual', għaldaqstant, biex jinżlu kien jeħtiep ċavetta. Ritratti 18 u 19 juru l-'winder' 'l –isfel."*[4]

Saydon jispjega li n-nar tqabbad fuq gewwa tal-vettura u dan ghaliex huwa ezamina l-karozza minn taht u dan ma sabhiex mahruqa. Lanqas nstabu sinjali ta' hruq fuq it-tarmac. Dan il-fatt gie kkonfermat ukoll meta ttiehdet il-vettura minn fuq il-post.

Dwar kif tqabbad in-nar ma nstab ebda materjal u l-espert saħaq li persuna seta' sempliciment qabbad is-*seat* jew xi karti b'*lighter.*

[3] *a fol.* 115
[4] a fol. 113

L-espert tal-vetturi Philip Zammit irrelata li jistma li l-valur tal-vettura meta nħarqet kien ta' erbat elef u sitt mitt Euro (€4,600), u li l-valur ta 'dak li baqa' hu ta' mitt Euro (€100).

Il-persuna li qabdet in-nar jidher li kellha kopja tac-cavetta biex dahlet gol-karozza.

**Il-vettura u l-ewro!**

L-imputat fix-xiehda li ta f'dan il-process ta l-impressjoni li l-vettura kienet tiegħu. Ir-rappreżentant ta' Transport Malta xehed li din kienet tal-*parte civile*.

Fl-atti[5] hemm esebit vera kopja ta' rikors guramentat numru 58/2012 JD fl-ismijiet **Natal Fava vs Nadia Said**. Wahda mit-talbiet tiegħu f'dawk il-proċeduri kienet illi l-vettura kienet tappartjeni lilu.

Il-Qorti tinnota li l-kawza li rrefera ghaliha l-imputat giet deciza fid-19 ta' April 2016 fejn il-Qorti[6] caħdet it-talba tal-imputat li l-*parte civile* kellha tirrifondi lura xi flus sabiex l-imputat jiġi risarcit tal-vettura.

> *Il-Qorti rat id-dokument NF sa NF 3 esebiti a fol. 5 sa 8 tal-process liema dokumenti ghall-kuntrarju ta' dak li jsostni l-attur isejhu lil Nadia Dalli bhala x-xerrejja u mhux lill-attur. Ghaldaqstant dawn ma jistghux jitqiesu bhala prova bizzejjed li kien l-attur li hallas il-flus in kwistjoni. Apparti minn hekk id-dokument NF 3 jindika flus fl-Euro meta lura fis-sena 2005 fil-Gzejjer Maltin kien ghadna 'l boghod milli tibda tintuza l-munita Euro ghalhekk il-Qorti ghandha dubji serji dwar il-veracita' ta' dan id-dokument. Il-Qorti wkoll ma tqisx li hija prova bizzejjed u legalment sufficjenti li n-numru 006 fuq il-*

[5] *a fol.* 336
[6] Ippreseduta mill-Magistrat Joanne Vella Cuschieri

*vettura ghandu jindika li l-hlas sar mill-attur anki ghaliex l-ittri jindikaw lill-konvenuta u dan specjalment in vista tal-fatt li l-konvenuta qed tikkontesta dan kollu u tat anki hi spjegazzjoni ghalfejn in-numru ta' registrazzjoni tal-vettura in kwistjoni sar kif sar.*[7]

L-imputat esebixxa skrittura[8] datata tletin (30) ta' Mejju 2005 bl-ammont ta' mitt Euro (€100) fuqha biex juri li l-vettura nxtrat fl-2005 fi żmien meta l-introduzzjoni tal-Ewro kienet ghadha f'diskussjoni u d-data tal-introduzzjoni kienet ghad mhux maghrufa.

Il-Qorti tfakkar lill-imputat li Malta addottat il-munita ewro bhala l-munita nazzjonali taghha fl-1 ta' Jannar 2008 u ghalhekk minn dakinhar issiehbet ufficjalment fiz-zona ewro. F'dak il-jum dahlu fic-cirkolazzjoni l-karti tal-flus u l-muniti ta' l-ewro, u minn dakinhar inghata l-bidu ghall-irtirar mic-cirkolazzjoni tal-karti tal-flus u l-muniti tal-lira Maltija. Ghall-perjodu ta' zmien limitat mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Jannar 2008, kien perjodu ta' cirkolazzjoni doppja, fejn il-karti tal-flus u l-muniti tal-lira Maltija kienu qed jiccirkolaw flimkien mal-karti tal-flus u l-muniti tal-ewro. In-negozji kellhom jaccettaw kemm l-ewro kif ukoll il-lira Maltija fi flus kontanti, imma kellhom jaghtu l-bqija f'ewro. Wara nofsillejl tal-31 ta' Jannar 2008, l-ewro saret l-unika munita b'valuta legali f'Malta.

Ghalhekk l-imputat fit-30 ta' Mejju 2005 zgur li ma hallasx b'dik il-valuta kif turi l-iskrittura!

**KONKLUZZJONI**

Il-*parte civile* fin-nota tas-sottomissjonijiet taghha tghid li:

*"dejjem kienet fil-presenza ta' terzi u inoltre l-vettura tagħha ma kinitx assigurata kontra l-ħruq. Dawn huma ilkoll fatturi li jeskludu t-teżi li*

[7] Rik. Gur. num: 58/2012JVC

[8] *a fol.* 344

*kienet b'xi mod involuta f'dan il-każ jew setgħet tigwadanja b'xi mod minn dan il-ħruq tal-vettura tagħha."*

Il-Qorti fliet ix-xhieda dettaljata li ta l-imputat[9] fl-Atti tal-Inkjesta dwar hruq tal-vettura Suzuki Alto bin-numru NNF 006 u l-istqarrijiet li ghamel lill-pulizija wara li kkonsulta mal-avukat ta' fiducja tieghu (*a fol.* 51 *et seq.*)

Fir-rigward tac-cwievet tal-vettura, l-imputat **Natal Fava**[10] stqarr *"bħala ċwievet għandha Nadia u għandi jiena. Il-Pulizija għandhom iċ-ċavetta li kelli jiena."* L-imputat qal illi *"iċ-ċavetta qatt ma tajtha lil ħadd."*[11]

L-imputat ukoll ammetta li kien hu li cemplilha *private* lill-*parte civile* f'dak il-lejl u ghamel dan ghaliex inkella bin-numru jidher hi ma kinitx twieġeb *"lil Nadia cempiltilha fuq private, fis-sens illi n-numru tieghi ma jigix jidher, u dan ghamilt hekk biex hi twiegbu t-telephone, ghax kieku rat in-numru tieghi ma twegibnix."*[12]

Irriżulta wkoll li l-imputat kien cempel fuq in-numru 79957699, li huwa n-numru tat-tifel fit-12 ta' Settembru fis-1.06am.[13]

L-imputat ikkonferma li kien qieghed bil-vettura tieghu ta' ghamla BMW fl-inħawi tal-Grotta dakinhar li sehh l-incident izda jistqarr li qatt ma nizel mill-vettura, *"kif ghidt diga', il-karrozza jiena fl-ebda hin ma nzilt meta kont qieghed ix-Xlendi. Nies tal-kumpanija tieghi dakinhar ma rajtx barra l-Grotta, u kif ghidt, kien ghalhekk illi jiena ma nziltx"*[14]. L-imputat jichad li qabbad in-nar. Meta l-Ispettur Frank Tabone stqasih *"Ara jekk nghidlek illi inti dan il-lejl tajt in-nar lil karozza ta'*

[9] Seduta mizmuma fil-bini tal-Qorti ta' Ghawdex fit-tlettax (13) ta' Settembru elfejn u ghaxra (2010) fejn il-Magistrat Inkwirenti Dottor Anthony Ellul LL.D. tah it-twixxija li ghandu dritt li ma jwegibx ghal domandi li bir-risposta jista' jitfa' xi htija fuqu u li dak kollu li se jghid jista' jingieb bhala prova fi proceduri kriminali li eventwalment jistghu jittiehdu.
[10] a fol. 56
[11] ibid.
[12] *ibid.*
[13] *a fol.* 69
[14] *a fol.* 57

*Nadia waqt li kienet qeghda pparkjata fil-wied tax-Xlendi xi twiegeb?"* l-imputat wiegeb "*Nghid li mhux vera*"[15].

Irrizulta illi kopja tac-cavetta kellhom biss il-*parte civile* u l-imputat. L-imputat prova jaghmel kuntatt mal-*parte civile* u rrizulta li kien ix-Xlendi dakinhar u dak il-hin li l-vettura nghatat in-nar.

Il-*parte civile* fid-dikjarazzjoni li ghamlet lill-pulizija ftit wara l-incident qalet li "*sakemm kont il-Grotta lili cempilli xi hadd darbtejn fuq il-mobile tieghi private u jiena ssuspettajt li huwa Natal Fava. Jiena naf li qbadt il-mobile u domt nghid hello imma ma wegibni hadd*"[16] u tiddeskrivi kif meta marret lura u kienet fil-gallerija ma' xi hbieb tara lil Natal "*hames minuti wara naraw lil Natal gej bil-mixi dirett lejn id-direzzjoni tal-garage tieghu. Kien qisu qed jistahba mal-hajt u jhaffef hafna fil-pass. Nghid li huwa kien liebes flok kannella polo shirt bil-faxxi cream, beritta skura u jeans twil. Dhalt il-gewwa mill-gallarija u ghaxar minuti wara jcempluli mill-Ghassa li kelli l-karozza tieghi qeghda taqbad. Nghid li iccekjajt il-mobile tat-tifel tieghi u sibt missed call minn ta' Natal li kien cempel xi ftit hin wara s-siegha ta' filghodu*"[17].

Kif irriżulta mix-xhieda tal-espert ma kien hemm l-ebda sgass fil-vettura.

Il-*parte civile* spjegat li l-karozza kienet sakkritha qabel telqet minn fuq il-post. Dan ikkonfermawh dawk prezenti fuq il-post fosthom Gordon Gatt[18], Ylenia Peresso[19], Michelle Said[20] u Richard Grech[21].

Il-*parte civile* fl-istqarrija lill-pulizija meta kienet mistoqsija jekk Natal kienx semmielha li kien se jaghmlilha hsara fil-karozza hija

---

15 *a fol.* 60
16 *a fol.* 62
17 *a fol.* 63
18 *a fol.* 135 u 142
19 *a fol.* 148
20 *a fol.* 214
21 *a fol.* 216

ddikjarat *"nghid li Natal gieli kien qalli li kien se jahraqni bil-karozza b'kollox"*[22].

Il-Qorti hi konvinta li l-provi jippuntaw bic-car lejn l-imputat. Kien l-imputat li dahal gewwa l-vettura u taha n-nar. L-imputat jidher li kien ghadu mwegga' mill-fatt li r-relazzjoni bejnu u bejn il-*parte civile* kienet intemmet u biex jivvendika ruhu ddecieda li jaghti n-nar lil vettura.

**<u>Kunsiderazzjonijiet dwar il-piena</u>**

Illi in linea generali jibda biex jinghad li:

> *Il-piena m'ghandhiex isservi bhala xi forma ta' vendikazzjoni tas-socjeta` fil-konfront tal-hati. Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati. Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena.*[23]

Illi c-cirkostanzi ta' kull kaz huma partikolari ghal dak il-kaz u normalment ivarjaw radikalment mic-cirkostanzi ta' kull kaz iehor. Huwa impossibbli ghal-legislatur li jipprevedi dawn ic-cirkostanzi kollha u, a priori, jistabilixxi (ghal kull reat) piena specifika ghal

[22] *a fol.* 64
[23] Ref Ir-**Republika ta' Malta vs Rene sive Nazzareno Micallef**: Appell Kriminali deciz 28.11.2006.

kull sensiela ta' cirkostanzi differenti li fihom jista' jitwettaq dak l-istess reat.

Illi huwa propju ghalhekk illi ghal kull reat il-Ligi ma tistipulax piena fissa imma tistipula minimu u massimu; jispetta lill-Qorti biex fid-diskrezzjoni taghha, u entro dawk il-parametri, teroga dik il-piena permezz ta' liema, skont ic-cirkostanzi ta' kull kaz, tipprova ssib dak il-bilanc gust bejn d-diversi skopijiet li ghandhom jintlahqu.

Illi dwar il-varji modi kif il-Qorti tista' tittratta ma' persuna misjuba hatja ta' xi reat u x'evalwazzjoni ghandha ssir biex jigi stabbilit liema minn dawn il-modi jservi l-aktar lill-gustizzja, kellha l-opportunita tippronunzja ruhha l-Qorti tal-Appell Kriminali. Fis-sentenza moghtija fil-kawza Il-**Pulizija vs Maurice Agius**[24] dik il-Qorti qalet hekk:

> *Huwa car...., li l-ewwel haga li qorti trid tiddeciedi hi jekk il-kaz jimmeritax piena ta' prigunerija, b'mod li jigu eskluzi (jekk kienu talvolta applikabbli u mhux aprioristikament eskluzi mill-ligi stess) mizuri bhal ordinijiet maghmula taht l-Att dwar il-Probation jew multa. Jekk jigi stabbilit, tenut kont tac-cirkostanzi kollha, li l-kaz kien jimmerita prigunerija, il-gudikant irid jghaddi ghat-tieni stadju, u cioe` biex jiddetermina t-tul ta' tali prigunerija. Hawn ukoll il-gudikant ma jridx joqghod ihares lejn is-subartikolu (1) tal-Artikolu 28A u jipprova jara kif ibaxxi l-piena biex igibha ma teccedix is-sentejn. Il-piena ta' prigunerija trid tkun dik il-piena li oggettivament taghmel ghall-kaz, indipendentement minn jekk tkunx tista' tigi sospiza o meno. Huwa biss jekk il-piena hekk oggettivament stabbilita ma tkunx ta' aktar minn sentejn prigunerija li l-gudikant jghaddi ghat-tielet stadju, u cioe` biex jikkonsidra jekk ghandux jissospendi o meno tali piena (ghal periodu ta' mhux anqas minn sena u mhux izjed minn erba' snin). Huwa evidenti li l-ewwel haga li trid issir*

[24] Deciza fit-13 ta' Novembru 2009.

*f'dana t-tielet istadju hi li wiehed jara jekk hemmx xi ostakolu statutorju ghal tali sospensjoni ....; jekk ma hemmx tali ostakoli, allura, u allura biss, tqum il-kwistjoni ta' jekk il-piena ta' prigunerija ghandhiex tigi sospiza u, jekk ikun jidhrilha li l-kaz ikun wiehed li fih sentenza ta' prigunerija ghandha tigi sospiza, x'ghandu jkun il-perjodu operattiv taghha (cioe` ghal kemm zmien tibqa' hekk sospiza fuq ras il-hati).*

Il-Qorti fid-decizjoni taghha se tqis ukoll ix-xewqa tal-*parte civile* li jekk tinstab htija fil-konfront tal-imputat, huwa m'ghandux jinghata piena ta' prigunerija effettiva izda jkun applikat l-artikolu 28H fejn ikun hemm ordni sabiex l-imputat jirriżarċixxi d-danni li huwa kkagunalha permezz tar-reat li dwaru huwa jkun instab ħati bħala kumpens għat-telf li hija sofriet per konsegwenza ta' dan ir-reat.

**DECIDE:**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat Artikoli 23, 325(1)(a) u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghal perijodu ta' sentejn (2) prigunerija li b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-istess Kapitolu 9 qed jigu sospizi ghal erba' (4) snin u b'applikazzjoni tal-Artikolu 28H tal-istess Kapitolu 9 qed tordna lill-imputat sabiex fi zmien sitt (6) xhur mil-lum ihallas is-somma ta' ta' erbat elef u sitt mitt Euro (€4,600) lil Nadia Said.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien erba' snin mil-lum jew jekk ma jhallasx l-ammonti msemmija hawn fuq fiz-zmien lilu moghti.

Finalment, b'applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tikkundanna lill-imputat sabiex sa zmien tlitt (3) xhur mil-lum ihallas is-somma ta' sitt mija u sitt Euro u sebgha u

sebghin centezmu (€606.77) liema somma tirrapprezenta l-ispejjes konnessi mal-hatra ta' esperti f'dan il-kaz[25].

---

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**

[25] Philip Zammit (€306.53) u David Borg Saydon (€300.24).